## Il-Bilanc bejn in-negozju u r-resident

Mhux dejjem facli illi wiehed jirnexxilu jilhaq kompromess meta hemm zewg partijiet li l-interessi taghhom, iktar iva milli le, huma l-oppost ta' xulxin. Dan narawh spiss u f' diversi okkazjonijiet.

Qasam li wkoll ghandu sfida simili huwa dak tal-Gvern Lokali. Il-Kunsilli Lokali hafna drabi jigu ffaccjati bi sfidi jew problemi illi jigu mposti fuqhom minhabba n-natura taghhom. Zgur li wahda minn dawn l-isfidi hija kif se jinholoq bilanc bejn l-interessi tar-residenti u l-interessi tan-negozju. Zewg setturi li fl-opinjoni tieghu ghandhom bzonn xulxin imma li jaraw l-affarijiet minn lenti differenti.

Xi haga i zgur tmiss, tista' tghid lil kull lokalita' hija meta jintalbu permessi ghal mobile kiosks jew imwejjed u siggijiet quddiem certu stabbilimenti bhala estensjoni taghhom. Prima facca wiehed ma jara' xejn hazin ghaliex kulhadd jiehu gost jieqaf jiehu xi haga ghaz-ziffa sajfija. Imma kif jghid l-Ingliz; *"Every action has an equal and opposite reaction"*.

Filwaqt li jkun hemm min jiehu gost b' xi haga simili, ohrajn ikunu rrabbjati ghax ihossu li l-interessi taghhom mhux qed jigu mharsa kif suppost. Dan ghaliex hafna drabi, dawk li jaghmlu uzu minn dawn il-kiosks jew imwejjed, ma jkunx nies mill-istess lokalita' u allura r-residenti jirragunaw b' mod illi dawn qed jigu fil-lokalita' taghhom biex joholqu l-inkonvenjent u xejn iktar.

Ahna nifhmu li kulhadd irid jiekol u kulhadd ghandu dritt jaghmel dak li applika ghalih u gab permess tieghu. Nifhmu wkoll li f' certu staguni, tkun is-siegha fejn wiehed jista' jpatti ghal xhur inqas tajbin fejn jidhol negozju u allura jipprova jaghmel il-massimu mis-sitwazzjoni. Pero nifhmu wkoll, li bhala Kunsilli Lokali, qeghdin hemm ukoll biex inharsu l-interessi tac-cittadin.

Nemmnu li jrid jinholoq bilanc bejn il-htigijiet tat-tnejn u tali bilanc ghandu jintlahaq b' certu linji gwida u regolamenti li ghandhom jigu mharsa f' kull hin u bla ebda distinzzjoni ta' xejn. Ghaldaqstant, qed inhejju numru ta' rakomandazzjonijiet sabiex ikunu bazi ta' diskussjoni f' attentat li jintlehaq dan il-bilanc li qed nitkellmu fuqu.

### Proposti

- Nibdew biex nghidu li ahna ma naqblux mal-politika ta' *'one size fits all'*. Nemmnu li kull kaz ghandu jittiehed fuq il-mertu tieghu, skont il-lokal, iz-zona fil-lokalita' (ghax din tista' tvarja bejn parti u ohra), il-Kummenti li jkun qed jaghmel il-Kunsill kif ukoll l-ambjent immedjat tal-post, specjalment fejn jidhlu hinijiet ta' ftugh u gheluq.
- Ninnutaw iz-zieda rapida ta' siggijiet u mwejjed relatati mal-industrija tal-ikel. Kif ghidt akatar qabel, filwaqt li napprezzaw il-beneficji ekonomici u lil klijenti li jieklu 'al fresco', ma nistghux naccettaw certu installazzjoni ta' ghamara jew tinded li jibqghu hemm b' mod permanenti. Dan ghandu jieqaf immedjatament.
- Billi certu stabbilimenti qed jaghmlu platforms illi fuqhom jitpoggew l-imwejjed u s-siggijiet, f' postijiet li originarjament kienu spazji ta' parkegg, minn maghhom jghaddi t-traffiku. Dan iwassal illi jekk mejda jew siggu accidentalment bla hadd jinduna, titressaq lejn it-tarf u taqa mill-platform, jista' jigi ikkawzat incdent illi jista' jkollu konsegwenzi serji. Mela hawn qed naraw l-aspett ta' safety li mhux jigi ndirizzat.
- B' kontinwazzjoni mal-argument ta' qabel, ma nifhmux kif wiehed jista' jaccetta sitwazzjonijiet fejn ikollok persuni bl-ikel fuq il-mejda filwaqt li tkun ghaddejja xi karozza tal-linja jew vetturi ohra kbar li jarmu certu exhaust fl-arja u propju fuq l-imwejjed tal-ikel.

- Ninnutaw kif l-ispazzji tal-parkegg qed ikomplu jitnaqqsu b' deterrent ghar-residenti taz-zona. Ma nistghux nibqghu naghtu prijorita' biss lil istabbilimenti tal-ikel imma ghadna niehdu inkonsederazzjoni wkoll il-problema hollistika tal-lokal rispettiv. Huwa minnu li certu lokaltajiet huma zoni turistici imma qabel kollox, dawn kienu wkoll zoni residenzjali.
- Ninnutaw ukoll kif certu permessi li johorgu mhux jirrispettaw ir-relazzjoni bejn id-daqs tal-istabbiliment u iktar u iktar id-daqs tal-kcina teighu. Hafna drabi l-ispazju li jigi estiz barra jkun jiboq bil-wisq dan li qed nghidu u allura nsibuha difficli kif sid ta' stabbiliment jista' jlahhaq mad-damanda li jkollu. Dan huwa rifless ukoll fl-ammont ta' mpjegatili jkollu, li hafna drabi ma jkunx sufficcjenti ghall-ammont ta' mwejjed li johrog barra.
- Ninnotaw kif l-iktar haga mportanti f' dan kollu hija l-infurzar. Jekk mhux se jsir infurzar li jinhass liqed isir, tali politika ma tistax tigi mplimentata b' mod tajjeb. Ninnotaw kif ikun hemm stanzi li wiehed tingibidlu l-attenzjoni, jirrimedja ghal ftit u wara jerga' jkompli jaghmel dak li kien jaghmel qabel. L-infurzar irid ikun konsistenti u frekwenti.
- Fuq l-istess linja, qed nipproponu wkoll li min jonqos li jzomm mal-permess li jkollu u r-regoli moghtija lilu, ghandu jigi mmultat. Tali multi ghandhom jithallsu fuq il-ost dak il-hin stess. Dan jghin biex ma jkunx hemm lok ta' abbuzi wara u anki sabiex dak li abbuza, jkollu sdeteretn ikbar. Meta l-istess stabbilment jigi mharrek ghall-istess offiza b' mod ripetut, il-multa ghandha tikber skont il-kaz. Ma jaghmilx sensli jkollna multi ta' ftit ewro meta bejgh ta' mejda wahda ikel taghmel tajjeb ghal dik il-multa. B hekk biss jonqsu l-abbuzi
- Nesigu illi kopja ta' kull permess u kundizzjonijiet annessi mieghu, ghandhom jinghataw kopja taghhom lil Kunsilli Lokali sabiex dawn, jekk jidhol rapport, ikunu jistghu jidentifikaw mill-ewwel jekk hemm abbuz jew le. Mhux biss, imma l-Kunsilli Lokali jkunu jistghu ikunu pro attivi sabiex huma stess ikunu jistghu jiehdu passi jew jirrapurtaw meta jaraw xi haga li mhix skont il-permess mahrug.
- Nappellaw sabiex l-opinjoni tal-Kunsill Lokali tigi kkunsidrata iktar meta naslu fil-fazi ahharija ta' approvazzjoni jew le tal-permessi mitluba. Il-Kunsilliera huma eletti demkratikament mill-poplu u jirraprezentaw lilu. Ghaldaqstant ghandhom lobligi taghhom ukoll lejn il-lokalita' u dan irid jigi rispettat.

**Konkluzjoni**

Jekk sistema bhal din tigi mhaddma b' mod tajjeb, u dawn il-proposti jidhlu fis-sehh, ghandu jkun kuntent kulhadd u jwasslu sabiex jintlahaq il-bilanc tant mixtieq. Konvinti li b' sens komun u rieda tajba dan jista' jintlahaq. Konvinti wkoll li anki s-sidien tal-istabbilimenti nfushom, ghandhom interess li jsir dan ghaliex bla dubju ta' xejn, huma wkoll jiehdu gost jahdmu f' ambjent fejn m' hemmx ostilita' fil-konfront taghhom, b-istess waqt li r-residenti japprezzaw meta jigu murija rispett. Dan iwassal sabiex iz-zewg kommunitajiet jifhmu li ghandhom bzonn xulxin u jistghu jahdmu flimkien

Mario Fava

President

Assocjazzjoni Kunsilli Lokali